**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A19-08

11 ta' Ġunju 2008

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/19**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2008, fis-2.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv
6. Proposta tranżazzjoni – Savoy Gardens Ltd
7. Diskussjoni u Deċizjoni dwar ħinijiet u ġranet għall-laqgħat tal-Kunsill
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

29 ta' Lulju 2008

Ref Nru.Klg5/019

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/19 li saret it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fis-2.30 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, bit-telefonata li kienet irċeviet mill-Kunsillier Victor Rutter il-ġurnata ta' qabel il-laqgħa fejn matula l-Kunsillier rrimarka dwar il-kumment tas-Sindku fir-rispett tiegħu dwar l-attendenza u li hi nfurmat li l-*e-mail* fejn fiha nforma li fit-13 ta' Mejju 2008, li kien ser jagħmel operazzjoni, kienet għaddiet għall-attenzjoni tas-Sindku bħal kull *incoming mail* oħra u reġa' għamel referenza li hu ma kienx jista' jattendi għall-laqgħat tal-Kunsill fil-ħinijiet msejjħa kif kien informa lis-Sindku fl-ewwel laqgħa li kellu miegħu.

Iċ-*Chairman* ikkummenta li fil-minuti tat-22 ta' Mejju 2008, is-Sur Victor Rutter la kien imnizzel bħala skużat u lanqas assenti minħabba li sa dak inhar kien għadu ma ħax il-ġurament tal-ħatra.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-11 ta' Ġunju 2008.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 22 ta' Mejju 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. paġna Nru.2 – para 2.5.** Iċ-*Chairman* informa li kien iltaqa' ma' l-Avukat Woods il-Qorti fejn qallu li l-ammont ta' €964.75 (Lm414.17) irid iħallashom il-Kunsill. Hu kompla jgħid, li kien talab lill-Avukat biex din l-informazzjoni tintbagħat bil-miktub.

**2.2. paġna Nru: 5 – para 6.1. – *Activities Centre*** – Il-Viċi-Sindku informa li d-ditta *D'Aniens Development Ltd* kienet qed tkompli bix-xogħlijiet fil-propjeta u għalhekk, talbet sabiex fil-parti li kienet ser tinkera lill-Kunsill, jiġi deċiż fejn kienu ser jiġu nstallati l-*points* tad-dawl, l-*air-condition*, *computers* eċċ. Għaldaqstant, kienu saru site-meetings flimkien mal-Perit tal-Kunsill, l-Kunsillieri Joe u Malcolm Camilleri u hu.

Il-Viċi-Sindku kien qed jipproponi wkoll, li l-Kunsillier Joe Camilleri jagħmel superviżjoni tax-xogħlijiet u jkun il-*liason officer* bejn il-Kunsill u d-ditta hawn fuq msemmija.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2.3. paġna Nru. 7 para 10.4**. – rigward in-*Nursery School* f'Misraħ Turu Colombo, ċ-*Chairman* qal, li kien tkellem mal-Kunsillier Joe Camilleri u ġie deċiż, li wara l-festa jiġifieri minn nofs Lulju 'l quddiem, isir *co-ordination meeting* ma' l-entitajiet konċernati sabiex sa Settembru li ġej, din il-problema tiġi ndirizzata.

**2.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Kunsillier Ian Micallef kien bagħat *e-mail* fejn informa li l-ħin msejjaħ kemm għall-laqgħa ta' ta' Ġunju kif ukoll, dik ta' Lulju 2008 ma kienx tajjeb għalih minħabba l-fatt, li hu jaħdem *full time* sal-5.00 p.m. u nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis jiftaħ l-uffiċċju privat tiegħu.

**2.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-avviżi dwar il-laqgħa tal-lokalita' (24.06.08) kemm fil-ġurnali ta' kuljum, fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll, fuq ir-radju nazzjonali kienu ntbagħtu u kienu anke tqassmu *posters* fil-ħwienet.

**2.6.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-ittri lir-residenti għall-laqgħa li għandha ssir it-Tlieta 1 ta' Lulju 2008 fis-6.30 p.m. fis-Sala tal-Komunita' dwar proposta ta' tibdil mill-Kunsill Lokali Msida, ta' *Traffic Management* fl-*area* minn Msida Circus sa Pjazza Gerry Zammit kienu tqassmu u l-Kunsillieri kollha kienu nfurmati.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-17 ta' Ġunju 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Għaqda Mużikali Mount Carmel kienet ser tagħmel l-attivita' Lejla Gżirjana, l-Ħadd 6 ta' Lulju 2008, fix-Xatt tal-Gżira.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-Kunsill jagħti l-aċċess għall-użu tad-dawl fix-Xatt kif ukoll, isir ħlas tad-dawl li kien ser jinkera għal din l-attivita'.

**3.4.** Sar qbil unanimu b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard li l-Kunsill jħallas l-ammont ta' €135 liema ammont huwa d-differenza bejn il-*Basic Computer Course for Beginers* u l-*Equal Skills Basic Course*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li bħal ma sar fis-Sjuf ta' qabel, jinkera s-servizz ta' żewġ *mobile toilets* fix-Xatt tal-Gżira viċin it-Topsy Kiosk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2008, għall-prezz ta' €5.00 kull *toilet* kuljum + VAT liema prezz jinkludi t-trasport, il-kirja, tbattil u tindif ta' kull *toilet* bis-*suction bowser* u *toilet paper* kuljum.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jingħata l-ammont ta' €60 lill-Parroċċa bħala parti mill-ispejjeż għall-attivita' għall-Anzjani li ser tiġi organizzata l-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2008, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

**3.7.** Inqrat ittra datata 13 ta' Ġunju 2008, mill-Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira, dwar talba sabiex issir attivita' Ewkaristika fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard li jingħata l-permess biex tkun tista' ssir attivita' Ewkaristika fit-2 t'Awissu 2008, fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa bejn it-8.00 u d-9.30 p.m. mill-parroċċi tal-Gżira, Ta' Xbiex u Msida kif ukoll, li l-persuna nominate mill-parroċċa, s-Sur Adrian Scicluna, għandu jagħmel kuntatt mal-Kunsill sabiex jiltaqa' mal-kuntrattur biex dan jurih minn fejn jieħu d-dawl.

**3.8.** Inqrat ittra datata 16 ta' Mejju 2008, li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-każ tas-Sur Joseph Camilleri – Ħlas għall-*Boundary Wall* fejn skond parir legali li għandu d-Dipartiment, il-Kunsill ma jkunx korrett jekk jitlob ħlas f'każijiet simili.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx ma' l-kontenut ta' l-ittra hawn fuq msemmija u għalhekk, din id-deċiżjoni għandha tintbagħat bil-miktub lid-Dipartiment.

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li l-Kunsill jiffirma *leasing contract* għall-*photocopier* model ARM207 mid-ditta Alfa Co. Ltd għall-prezz ta' €51.06 *excluding VAT* kull xahar għall-perjodu bejn it-13 ta' Ġunju 2008 sat-13 ta' Ġunju 2013 kif ukoll, *rate per print €0.011 excluding VAT* minħabba l-fatt, li l-*photocopier* tal-Kunsill kellha l-ħsara u l-mudell li preżentament għandu l-Kunsill, hu *discontinued*.

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament li jekk iċ-*Chamber College* jaċċetta, ssir *u-shape barrier* bħal dik ta' Marcon Boutique għat-talba li saret minnhom. Għalhekk, il-Kunsill kellu jinfurmahom b'din id-deċiżjoni kif ukoll, issir *u-shape* barrier għall-iskola E.S.C. minħabba l-fatt, li fl-istess *area* fejn qed jiġi propost li jsir reklam ta' dan il-kulleġġ, hemm reklam ta' l-E.S.C. Il-ħlas huwa ta' €116.47 (Lm50) annwali.

**3.11.** Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Louis Theuma jrid iħallas għax-*shifting* tal-*pole* bħal ma jsir f'każijiet oħra fejn ikun qed isir xi żvilupp minn persuni private.

**3.12.** Rigward ix-xogħlijiet li qed isiru mill-kumpanija *Cross Roads Ltd* għan-nom tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma f'diversi toroq fil-lokalita' l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li x-xogħol ma kienx qed isir skond l-ispeċifikazzjonijiet.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat ittra lid-Direttur tal-kumpanija Cross Roads Ltd, ittra liċ-*Chairman* ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u ittra liċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma li mhux soddisfatt bix-xogħol li kien qed isir.

**3.13.** Dwar Aguis Marble Works Ltd, inqara r-rapport tal-Perit li kien jinkludi ċ-ċertifikazzjoni ta' kwotazzjoni Nru: 83 dwar il-bażi tal-monument ta' William Apap.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li l-Kunsill ma kienx ħareġ *works order* għal din il-kwotazzjoni minħabba li kemm fl-opinjoni tiegħu kif ukoll, skond l-ewwel gwida tal-Perit, l-ammont ta' ħlas mitlub kien eċċessiv. Għaldaqstant, il-Kunsillier Joe Camilleri għan-nom tal-Kunsill, ftiehem mas-Sur Aguis sabiex waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet, ikun preżenti fuq il-post kif fil-fatt sar u nforma wkoll, li x-xogħol sar minn tlett ħaddiema u mhux erba' u x-xogħol fuq il-bażi kien jinkludi t-tneħħija tal-ħamrija u jimtela bil-konkos.

In vista ta' din l-ispjegazzjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li, jsir kuntatt mal-Perit sabiex jiġi nfurmat b'dak li kien ġara fuq il-post u wara li jsiru ż-żewġ korrezzjonijiet fl-*ingraving* l-Kunsill għandu jissottometti l-ħlas ta' mhux aktar minn €465.87.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li, apparti dan il-ħlas l-Kunsill għandu żewġ kontijiet oħra pendenti dovuti lill-istess ditta relatati ma' l-istess proġett ta' €1164.68 u €430 li għalkemm inħarġu *works orders* għalihom minħabba l-fatt, li l-Kunsill kien qabel magħhom, kienet għada qed tistenna l-approvazzjoni tal-Perit.

**3.14.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 635 sa Nru. 671 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Wara li saru xi kjarifiki dwar *Request Sheets* Nru: 639 Conmal Ltd *supply of* siment, ramel u xaħx u Nru: 658 *Water Services Corporation – Promenade Gardens Gżira*, ir-*Request Sheets* minn Nru. 635 sa Nru. 671 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv

**5.1.** Matul id-diskussjoni li saret dwar ir-rapport hawn fuq msemmi (Ara *appendix* Nru: 2) li kopja tiegħu ntbagħtet lil kull Kunsillier ma' l-Agenda fejn iċ-*Chairman* ressaq xi emendi f'paġna Nru: 4 para 3 u saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri, dan kif emendat ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li fl-*e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Ian Micallef, hu kien talab kopja tal-kummenti tas-Sindku qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

## 6. Proposta Tranżazzjoni – *Savoy Gardens Ltd*

**6.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi ċ-*Chairman* qal, li fil-laqgħa li saret fit-13 ta' Mejju 2008, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, bil-proposta li ressqet id-ditta hawn fuq msemmija, riedet tilħaq il-*full and final settlement* fuq *claims* li hemm jew jista' jkun hemm mill-Kunsill rigward l-użu tal-*boundary wall*. Huwa kompla jgħid, li dan kien iffisser li jekk kemm –il darba l-*claim* ta' flus tkun jew ma tkunx ġustifikata, din id-donazzjoni tkun assaldu tal-pretenzjonijiet kollha li l-Kunsill għandu jew jista' jkollu.

F'dan l-istadju, nqrat l-*e-mail* datata 15 ta' Ġunju 2008, mibgħuta mill-Kunsillier Ian Micallef fejn fost affarijiet oħra qal, li kwalunkwe tranżazzjoni fuq fondi pubbliċi jista' jagħti l-każ li teħtieġ l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali.

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-Kunsill setax jidħol f'din it-tranżazzjoni.

Iċ-*Chairman* wieġeb, li minn dak li kien qallu d-Direttur waqt telekonverżazzjoni li hu kellu qabel il-laqgħa, l-Kunsill seta' jidħol f'din it-tranżazzjoni minħabba l-fatt, li dan hu arrikkament kif ukoll, hu nforma li skond il-liġi, l-Kunsill jkollu bżonn l-approvazzjoni tad-Dipartiment, meta jkun ser jissellef il-flus mill-bank. Huwa kompla jgħid, li d-Direttur saħaq miegħu li la darba l-Kunsill ma kienx ser joħroġ flus mill-bank, din it-tranżazzjoni segħtet issir.

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li fid-dawl tal-punti mressqa mill-Kunsillier Ian Micallef, il-Kunsill għandu jitlob il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali liema risposta kellha tasal il-Kunsill fi żmien xahar, fin-nuqqas ta' liema, jkun iffisser l-approvazzjoni tad-Dipartiment ta' din it-tranżazzjoni.

Din il-mozzjoni tressqet għall-votazzjoni u r-riżultat ta' l-erbgħa membri preżenti li kienu, ċ-*Chairman* Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard u l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri, kien favur.

## 7. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar Ħinijiet u Ġranet għall-laqgħat tal-Kunsill

**7.1.** Iċ-*Chairman* qal, li hu xtaq li din il-materja tiġi diskussa fil-preżenza tal-Kunsillieri kollha pero' fl-opinjoni tiegħu trid tinħoloq *benchmark* għall-laqgħa ta' kull xahar fid-dawl tal-korrispondenza li kien hemm bejn il-Kunsillier Ian Micallef u d-Direttur għall-Gvern Lokali. Huwa kompla jgħid li kien qed jeskludi laqgħat urgenti. Għalhekk, kien qed jipproponi li l-laqgħat mensili jsiru l-aħħar Tlieta jew l-aħħar Ħamis ta' kull xahar u t-tibdil f'dawn iż-żewġ ġranet jiddependi, jekk il-Kunsillier Ian Micallef ikunx imsiefer.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri mal-proposta hawn fuq msemmija u l-ħin ikun fit-3.00 p.m. minħabba l-fatt, li l-Kunsillieri jistgħu jiġu eżentati mix-xogħol għall-laqgħat tal-Kunsill u l-Kunsillier Ian Micallef ikun jista' jiftaħ l-uffiċċju tiegħu f'dawn il-ġranet.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li tingħata s-somma ta' €232.94 (Lm100) lill-Kappillan bħala parti mill-ispejjeż għall-festa.

**8.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li ma jinħarġux permessi ta' makkinarju goff kif ukoll *skips*, mill-5 ta' Lulju sal-15 ta' Lulju 2008 minħabba l-festa.

**8.3.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li tibda tintuża l-*mechanical sweeper* darba kull ħmistax.

**8.4.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jsir it-tindif tal-karti kemm wara l-marċ kif ukoll wara li tidħol il-vara u jitpoġġew żewġ *skips*. Għalhekk, kien jinħtieġ l-*extra service* kemm ta' l-i*scammel* kif ukoll, ta' żewġ kenniesa.

**8.5.** Il-Viċi-Sindku kien qed jissuġġerixxi li jiġu nstallata *litter bins* fil-*housing estate* biex jikkumplimentaw l-ambjent.

## 9 Laqgħa Oħra

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-5.20 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K227/119/08**

**June 2008 KLG5/19**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **Value** € | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| 635 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9313 Job No: 7785 – Road Markings | 290.79 | 5485 |
| 636 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 9345 Job No: 7852 Road Markings | 155.37 | 5486 |
| 637 | The Toolbox invoice Nos: 7525 | 17.07 | 5457 |
| 638 | Conmal Ltd invoice No: 1243 Maint Bozoz W194 –W068 Shifting of Luminaire – St. Albert | 82.46 | 5487 |
| 639 | Conmal Ltd invoice No: 1246 Supply of Cement Bags Sand & Gravel | 47.95 | 5488 |
| 640 | Squire Bookshop invoice 006514 Stationery May 2008 | 410.23 | 5459 |
| 641 | Squire Bookshop invoice 6526 Newspapers May 2008 | 31.96 | 5464 |
| 642 | Environmental Landscapes Cons. Ltd invoice 004126 Maint of soft areas May 2008 | 2212.93 | 5465 |
| 643 | GO plc invoice 20614528 Tel: 21341616 Rent June Calls May 2008 | 26.24 | 5454 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **644** | **GO plc invoice 20615404 Tel: 21322157 Calls May Rent June 2008** | **176.86** | **5453** |
| **645** | **GO plc invoice 20614517 Tel: 334254/341034 Calls May Rent June 2008** | **65.04** | **5455** |
| **646** | **Stardelta Hardware Store Invoice 3993316 3993321** | **21.62** | **5466** |
| **647** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397639 Door to Door Collection June 2008** | **5590.50** | **5467** |
| **648** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397640 Hire of Skips June 2008** | **432.87** | **5468** |
| **649** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397641 Public Convenience June 2008** | **836.06** | **5469** |
| **650** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397642 Bulky Service May 2008 – 169 Calls** | **925.11** | **5470** |
| **651** | **Mr. Joe Borg Spejjeż papri June 2008** | **46.59** | **5471** |
| **652** | **G4S (Malta) Ltd invoice 25201 – 5 Trips May 2008** | **37.82** | **5472** |
| **653** | **Steve R. Farrugia Street Sweeping Grass Cutting May 2008** | **4588.89** | **5495** |
| **654** | **Steve R. Farrugia Street Sweeping on Sundays – May 2008** | **378.52** | **5496** |
| **655** | **NIBE Beverages Ltd – invoice No: 1039054 Drinking Water** | **61.21** | **5473** |
| **656** | **C.S.D. Office Trade Invoice 21090 Computer Stationery** | **53.32** | **5480** |
| **657** | **Central Flower Shop invoice No: 3206 Funeral Albert Rizzo** | **25.00** | **5460** |
| **658** | **Water Services Corporation inv.10239914-6 Promenade Garden 08.01.08 – 07.04.08** | **114.50** | **5484** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 659 | Dr. Edward Woods LL.D. Legal Advisor April – May – June 2008 | 494.76 | 5476 |
| 660 | Mr. Mario Magro Conti – Accountant April – May – June 2008 | 419.29 | 5475 |
| 661 | Mr. Alfred Portelli – Contract Manager April – May – June 2008 | 745.42 | 5474 |
| 662 | Kummissjoni Festi Esterni – re spejjeż festa | 116.47 | 5418 |
| 663 | Mount Carmel Band Club – Riċeviment re 60 sena Anniversarju | 815.28 | 5419 |
| 664 | Mr. Albert Micallef – drainage skola Primarja | 35.00 | 5477 |
| 665 | Home & Industry Supplier Ltd inv. 59 – Żebgħa tar-ramel | 750.00 | 5478 |
| 666 | Welcome Garage inv.760 2 Trips to Qormi April 13 &18 Ħadd Għalik | 79.20 | 5461 |
| 667 | Mr. Bruce Debattista inv. 59 – 2 Trips to Qormi Mini Bus Ħadd Għalik. | 77.00 | 5462 |
| 668 | Gżira Parish Priest reklam fil-fuljett tal-festa invoice No: 98 | 70.00 | 5451 |
| 669 | D.O.I. Advert Gov Gazz re Locality Call 24.06.08 | 9.32 | 5452 |
| 670 | Gżira United Football Nursery – Presentation Night – 14.06.08 | 200.00 | 5479 |
| 671 | Twanny Ironmongery – pole works for dog signs. | 35.00 | 5483 |

GŻIRA

**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Rue D'Argens Gżira
Tel 21341034 Fax 21341616 e-mail gzira.lc@gov.mt

# <u>Rapport Amministrattiv Annwali</u>

## 2007/2008

Werrej

1. Kummenti mis-Sindku

2. Rapport Amministrattiv

   *a.* *Daħla*

   *b.* *Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-Sena 2007/2008*

   *c.* *Rapport ta' nfieq Finanzjarju*

   *d.* *Amministrazzjoni tal-Kunsill*

   *e.* *Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2010*

   *f.* *Għeluq*

# Kummenti Tas-Sindku Dwar Ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena 2007/2008

Issa li għaddiet l-ewwel sena ta' ħidma ta' dan il-Kunsill Lokali, huwa tajjeb li wieħed iħares lura u jara ftit x'sar matul din is-sena. Kienet sena ta' ħidma ntensiva li bdiet twitti t-triq għal dawk illi huma l-objettivi li dan il-Kunsill irid jilħaq sa l-aħħar ta' din il-leġislatura. Miri ċari li kienu tfasslu permezz ta' programm elettorali li sab l-appoġġ tal-maġġoranza assoluta tal-poplu Gżirjan.

Madanakollu, wieħed jiżbalja mhux bil-ftit jekk iħares lura u jgħid li sar kollox tajjeb. Fil-fatt, Jien bħala Sindku, dejjem sostnejt li din l-ewwel sena għal bosta mill-Kunsillieri kienet esperjenza ġdida u għalhekk, bilfors kellu jingħata ftit żmien sabiex aħna l-hekk imsejjħa 'ġodda' nidrgħu u u bl-akbar umilta' nitgħallmu kif jaħdem il-Kunsill Lokali u x'inhuma l-esiġenzi u l-proċeduri legali li huma essenzjali sabiex il-Kunsill jimxi b'mod ġust u korrett.

Minkejja dan, xorta waħda meta wieħed iħares lura jara b'sodisfazzjon kbir, li l-ammont ta' xogħol li sar f'din l-ewwel sena tagħna, kien wieħed kbir u ta' kwalita'. Ilħaqna l-miri kollha li poġġejna quddiemna u fuq kollox bdejna anke nwittu t-triq biex f'din it-tieni sena ta' dan il-Kunsill nilħqu l-miri ukoll.

Nibda' ngħid b'sodisfazzjon kbir għalina, li l-ewwel mira ta' dan il-Kunsill kienet dik li jieqfu l-battibekki u l-argumenti li kkaratterizzaw Kunsilli preċedenti. Fil-passat, kienu jsiru ħafna battibekki bejn il-Kunsillieri li nemmen li kienu sfortunatament jagħmlu aktar ħsara milli ġid għall-Gżirjani. Illum b'sodisfazzjon nista' ngħid, li dawn huma affarijiet tal-passat, fejn iva, b'xi fitit taqtigħ ta' qalb ukoll, kien hemm rieda tajba bejn il-partijiet kollha u bdejna naħdmu flimkien, irrispettivament mill-liema kamp politiku ġejjin. Għal dan, irrid nirringrazzja lill-Kunsillieri Nazzjonalisti li fehemu l-bżonn li naħdmu flimkien għall-ġid tal-lokalita' u għalkemm għadna konxji mid-diversita' li hemm bejnietna, xorta poġġejna fuq quddiem nett il-ġid tal-lokal u ħidma flimkien.

Kif diġa' sostnejt, din is-sena sar ħafna xogħol fil-lokalita'. Żgur ma nistax ma nsemmix is-suċċess kbir li għamel dan il-Kunsill fl-ewwel xhur tiegħu li ra u fehem l-għajta tal-Gżirjani u nistgħu ngħidu li diġa' saret qabża kbira f'dik li hi ndafa. Pero' ma nistax ma niġbidx l-attenzjoni tar-residenti tagħna li fil-maġġor parti tagħhom għadhom mhux konxji ta' kemm huwa bżonn li ngħixu f'ambjent nadif u minflok jibqgħu iħammġu. Is-sigriet tas-suċċess huwa li ngħinu lil xulxin u suċċess komplut f'dan il-kamp jintaħaq biss jekk ir-residenti jżommu l-indafa fit-toroq, ħaġa li sfortunatament għadha mhux issir bizzejjed.

Wettaqna proġett kbir ieħor, meta ftaħna l-Librerija Pubblika. Dan il-Kunsill mill-ewwel beda jaħdem qatigħ sabiex ikollna Librerija funjonali li taqdi l-esiġenzi tat-tfal u r-residenti tagħna. Qatt ma stajna naċċettaw li f'lokalita' urbana bħal ma hi l-Gżira, ma jkunx hawn Librerija Pubblika li taqdi l-eżiġenzi ta' kulħadd. Wara ħafna taħbit u anki xi ftit qtigħ il-qalb kienet ta' sodisfazzjon enormi għalija li f'Jannar li għaddha, nġbarna ilkoll fl-Iskola Primarja tal-Gżira sabiex flimkien nitilqu fuq dan il-vjaġġ edukattiv u kulturali li llum ngħid, li huwa suċċess ieħor kbir ta' dan il-Kunsill.

Ma nistax f'dan il-messaġġ qasir ngħid dak kollu li sar minn dan il-Kunsill f'din is-sena, pero' għandna rapport amministrattiv imżewwaq li jixhed l-impenn sħiħ u serju li qiegħed jaħdem bih dan il-Kunsill Lokali. Ma nistgħax ngħid li għamilna kollox tajjeb. Bl-akbar umilta' ngħid li għad fadal ħafna x'nitgħallmu u fejn żbaljajna immens. Pero' dawn l-iżbalji għamilnihom *in buona fede* u għax emminna li ċertu deċiżjonijiet impopolari ttieħdu għal ġid tal-lokalita' biss.

Qabel ngħlaq, nixtieq b'sogħba enormi ngħid grazzi kbira mill-qalb lil Albert Rizzo, li kien pilastru fundamentali għal dan il-Kunsill Lokali li d-destin iddeċieda li jieħu miegħu f'din l-aħħar sena. Dak li ħalla Albert lill-Gżira, mhu ser jeħodulu ħadd u nemmen li għandna biss x'nitgħallmu lkoll kemm aħna jekk nimxu fuq il-passi tiegħu. Bniedem kbir li lkoll kemm aħna qed inħossu n-nuqqas tiegħu. Jien kburi ngħid li għalkemm għal ftit żmien, ħdimt spalla ma ' spalla ma' Albert Rizzo.

Ngħid grazzi kbira lil sħabi Kunsillieri kollha, b'mod partikolari lill-Viċi-Sindku Dunstan Attard u l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri li kuljum qegħdin jitħabtu għall-ġid tal-lokalita'. Grazzi kbira lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv lill-iskrivani, ta' l-I.P.S.L. ta' l-Assenjar, il-Perit, Il-Avukat, il-*Works Manager,* il-kuntratturi kollha u d-diversi Sotto-Kumitati ta' dan il-Kunsill. Storja ta' suċċess ma tinkitibx biss mis-Sindku iżda, minn team kbir ta' nies li lkoll flimkien jaħdmu għal għan wieħed u cioe il-Ġid tal-Gżirjani Kollha. Inwegħdu minn issa, li s-sena li ġejja ser tkun ħidma mżewwqa b'ħidma kbira għal Gżirjani kollha biex l-istorja ta' suċċess tagħna, tkompli.

Grazzi

Dott Chris Bonett B.A. LL.D.

Sindku

## 2. REF NRU ADMRP8/00 *RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA 2007/2008*

### a. DAĦLA

Matul is-sena finanzjarja 2007/2008, il-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-ammont ta' €344,600.51 (Lm147,937) bħala allokazzjoni, li magħha l-Kunsill Lokali hu ntitolat li jirċievi s-somma ta' €3494.06 (Lm1,500.00) meta ssir l-ewwel *Bring-in site*. Apparti dawn l-ammonti, matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill Lokali beda jwettaq uħud mill-proġetti sottomessi l-M.E.P.A. li l-ħlas tagħhom beda jiġi rimborżat mill-fondi ta' l-*Urban Improvement Fund* Kumitat fi ħdan l-istess awtorita' li l-Kunsill Lokali kien ġie nfurmat matul is-sena preċedenti. Fil-fatt, mill-proġetti sottomessi u approvati, l-Kunsill wasal fl-aħħar fażijiet tal-proġett tal-*Housing Estate* tant, li mill-ammont ta' €23,293.73 (Lm10,000.00) l-Kunsill diġa' ġie rimburżat madwar €15,373.87 (Lm6,600.00), filwaqt li mill-proġett l-ieħor li tlesta, jiġifieri Tkomplija tat-Tisbieħ tax-Xatt, il-Kunsill naqqas l-istima oriġinali għal €9,317.50 (Lm4,000.00) liema ammont, il-Kunsill qed jistenna li jirċievi r-rimborż kollu tiegħu fil-jiem li ġejjin. Din id-deċiżjoni ttieħdet minħabba li parti mill-proposti sottomessi oriġinarjament, ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali a spejjeż tiegħu u dan kien jinkludi t-tkomplija tal-bankijiet u r-*railings* tul ix-Xatt kollu.

B'hekk kien possibbli għall-Kunsill Lokali li l-flus ffrankati, flimkien m'oħrajn li kienu għadhom ma ġewx ivvutati, setgħu jintużgħaw għall-sottomissjonijiet oħra li saru.

Fattur importanti ieħor kien, li b'eżitu ta' korrispondenza mill-M.E.P.A., datata 6 ta' Frar 2007, parti mill-proġett tat-Tisbieħ fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira, jiġifieri li ssir 7 *a side pitch*, ma setgħetx tiġi milqugħa minħabba, li mill-istess *area* proposta biex isir il-*pitch* ser issir il-*Manoel Island Link Road.* Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu jemenda l-proposta oriġinali li filwaqt li jsir l-bqija ta' l-*embellishment* propost, tiżdied l-ispiża minn €69,881.20 (Lm30,000) għal €93,174.94 (Lm40,000)) u jiġu nklużi funtana, jiżdiedu l-*litter bins* u bankijiet, żewġ *drinking fountains* u tittranġa l-kamra tal-ġnien. Sussegwentament għall-emendi mressqa mill-Kunsill Lokali, l-M.E.P.A. aċċettat l-proġett tal-Ġnien fir-rispett ta' liema, l-Kunsill diġa' ffirma l-kuntratt ma' din l-Awtorita' u qiegħed fil-fażi li jippubblika s-sejħa għall-offerti.

Intant, il-Kunsill Lokali għaddej b'diskussjonijiet m'uffiċjali tal-M.E.P.A. u l-A.D.T. sabiex tiġi studjata l-proposta tal-Kunsill, biex minn dan il-fond jiġi ffinanzjat proġett ta' twessiegħ, tisbieħ u tranġar ta' parkeġġ ta' Triq ix-Xatt in-naħa tar-residenti liema proġett, hu stmat li jiswa 'l fuq minn €104,821.81 (Lm45,000.00).

B'hekk dawn il-fondi qed jagħtu lok lill-Kunsill Lokali, sabiex filwaqt li jkun jista' jwettaq proġetti li mhux possibbli li jagħmilhom mill-allokazzjoni annwali, bl-ebda mod ma jkollu għalfejn jnaqqas mis-

servizzi eżistenti jew jirriżolvi għal servizzi ta' kwalita' nferjuri biex isiru proġetti simili.

## b. Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena 2007/2008

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kompla fuq il-pjan mibdi fis-sena amministrattiva preċedenti kif ukoll, ta' spinta f'ċertu oqsma partikularment dak tal-kultura u l-edukazzjoni.

Bħalma sar fis-snin preċedenti, l-Kunsill ċċelebra Jum il-Gżira li jsir kull 15 ta' Mejju. Minkejja l-fatt, li l-leġislatura l-ġdida kienet ilha biss ftit ġimgħat tamministra, l-Kunsill xorta waħda rnexxielu jtella' b'suċċess programm t'attivitajiet, għal din l-okkażjoni mżewwaq b'attivitajiet ta' temi varjati li jinkludu mużika, ambjent, kultura, sports u żjajjar lill-anzjani. L-attivitajiet kienu mifruxa fuq programm ta' ġimgħa li beda l-Ħadd 13 ta' Mejju 2007, b'inawgurazzjoni fis-Sala tal-Kunsill ta' wirja t'arti u artiġjanat mir-residenti tal-lokalita' nkluż dawk li kienu jattendu l-korsijiet organizzati mill-Kunsill tal-*ganutell*, bizzilla u *crochet* u għalaq il-Ħadd 20 ta' Mejju 2007, b'Quddiesa ta' radd il-Ħajr li kienet segwita b'żewġ attivitajiet fil-Ġnien b'kunċert mill-banda Mount Carmel u taħwil ta' siġar taż-żebbuġ sponsorjati mill-H.S.B.C. u logħba futbol li ntlagħbet fin-*Nichols Ground* bejn selezzjoni ta' Glorji tal-Passat li kienu *players* tal-*Gżira United Football Club* u l-*minors* tal-*Gżira United Football Nursey*.

Bla dubju l-parteċipazzjoni tar-residenti f'dawn l-attivitajiet, imliet lill-Kunsill bil-ħeġġa tant, li b'kollaborazzjoni m'uħud mill-lukandiera u negozzjanti, ġew organizzati tmien serati ta' Mużika fix-Xatt matul ix-xhur sajfin. Il-Kunsill jinnota li attivitajiet bħal dawn ma kienux biss mistennija mir-residenti li pparteċippaw għalihom, iżda kien hemm *feedback* pożittiv minn negozjanti tax-Xatt, minħabba li attiraw diversi turisti fix-Xatt tal-Gżira.

Bi tkomplija mis-sena preċedenti, l-Kunsill Lokali ffinalizza ftehim mad-ditta *Merlin Libraries* biex setgħa jipparteċipa fil-kampanja l-Ktieb Teżor, kampanja mmirata għall-ġenituri u t-tfal li kienu ser jibdew l-ewwel sena skolastika tagħhom u għalhekk, il-Kunsill xtara pakkett ta' kotba li ġew regalati lil kull tifel u tifla li bdew l-ewwel sena tal-*kindergarden* f'Ottubru 2007.

Fil-qasam t'organizzazzjoni tal-korsijiet, il-Kunsill Lokali kompla għaddej bl-istess impenn mibdi fix-xhur ta' qabel tant, li estenda l-korsijiet tal-*Ganutell*, Bizzilla u *Crochet*. Dawn il-korsijiet komplew isiru fis-Sala tal-Komunita' jiġifieri, fil-bini tal-Kunsill stess liema tagħlim, kompla jingħata bla ħlas lir-residenti, mill-għalliema Alexandra Galea. L-istess deċizjoni ttieħdet fir-rispett tat-tagħlim tal-kompjuter mid-ditta

TcTc, fejn matul ix-xhur tas-Sajf, il-Kunsill organizza korsijiet għal kull eta' fit-tagħlim bażiku tal-kompjuter bla ħlas.

In vista ta' l-interess muri mir-residenti, ġew organizzati korsijiet oħra relatati mat-tagħlim ta' l-informatika f'*Windows, Word, Excel* u *Internet* li kienu ukoll issussidjati mill-Kunsill Lokali.

Wara li l-Librerija Pubblika kienet ilha magħluqa għall-perjodu mhux ħażin, kif bdiet tiffunzjona il-leġislatura l-ġdida, l-Kunsill reġa' fetaħ id-diskussjonijiet mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u dak tal-Librerji u l-Arkivji sabiex ġew ndirizzati l-problemi pendenti li kienu qed ixekklu milli terġa' tiftaħ il-librerija. Minkejja li ma kinitx faċli, l-Kunsill bil-ko operazzjoni tal-kapijiet ta' l-iskola Primarja u Sekondarja, rnexxielu jasal fi ftehim tant, li fid-19 ta' Jannar 2008, din il-librerija reġgħet ġiet nawgurata u qed tkun miftuħa fuq bażi regolari t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn 09.00 a.m. u 12.00 p.m.

Bla dubju, dan il-ftuħ mill-ġdid ma setgħatx ikun possibbli kieku ma sarux diversi xogħlijiet preparatorji partikularment tranġar u tizbieħ tal-librerija, kumnikazzjonijiet ġodda tas-sistema tad-drenaġġ u nstallar ta' sanitarji, katalizzar mill-ġdid tal-kotba eżistenti, oħrajn li ngħataw mir-residenti kif ukoll, kotba ġodda li nxtraw mill-Kunsill. Ma setgħax jonqos l-ingaġġar ta' librara, li wara li saret sejħa pubblika t'interess, l-bord ta' l-għażla kompost kemm mill-membri tal-Kunsill flimkien mad-Direttur għad-Dipartiment tal-Libreriji u l-Arkivji, għażel lis-Sinjura Nathalie Camilleri.

Attivita' oħra mportanti b'tema edukattiva u ambjentali kienet, l-iżvillupp ta' Ġnien Edukattiv fl-iskola Santa Monika. Abażi ta' talba mressqa mill-iskola, fit-12 ta' Frar 2008, il-Kunsill Lokali ffirma ftehim ma' din l-iskola fejn, filwaqt li mill-iskema imnedija mill-Bank *HSBC Cares for Environment Fund*, il-Kunsill għadda għotja ta' €931.75 (Lm400.00) għal iżvillupp ta' dan il-ġnien, dan il-post rekreattiv ikun aċċessibbli għal organizzazzjoni ta' tliet attivitajiet fis-sena għall-pubbliku Gżirjan permezz ta' żjajjar uffiċjali organizzati mill-Kunsill jew entita' oħra mill-Gżira approvata mill-Kunsill. Permezz t'inizjattivi simili, l-Kunsill kompla jsaħħaħ l-impenn tiegħu ma kull entita' li toffri servizz f'din il-lokalita'.

L-impenn fil-qasam kulturali kompla għaddej matul din is-sena kollha tant, li fis-26 ta' Jannar 2008, fis-Sala tal-Komunita' ġiet inawgura wirja oħra t'Arti Astratta u Fuligranu mill-artist Gżirjan Kevin Attard.

Bla dubju ma setgħax jonqos l-impenn infrastrutturali u b'tħejjija għax-xhur xitwin, il-Kunsill Lokali naddaf il-bokok u l-meded kollha tal-*culverts* ta' Triq ix-Xatt minn Triq Imsida sa Triq San Ġorġ. Apparti dan ix-xogħol, il-Kunsill Lokali għaddej b'diskussjoni sabiex tittieħed azzjoni fir-rispett ta' uħud mill-*culverts,* li għad għandhom is-sadd u

dan minkejja x-xogħol estensiv li sar tant, li ntuża' anke l-*pressure bowser.*

Il-Kunsill jirrimarka, li minkejja d-diskussjonijiet li kienu saru mal-Gvern Ċentrali sabiex titranġa l-medda tal-*culvert* li taqsam Triq ix-Xatt minn Triq il-Gżira għall-ġnien, dan ix-xogħol baqa' ma sarx b'detriment għar-residenti ta' din l-*area* minħabba l-fatt, li din hija waħda mill-aktar żoni milquta mill-għargħar.

Apparti x-xogħol kontinwu ta' manutenzjoni li sar fix-Xatt, matul ix-xhur sajfin sar anke tindif tal-Globi sabiex ikunu jistgħu jservu aħjar l-iskop li għalih saru. Bħas-sena preċedenti, sar tiżjin bid-dawl tul ix-Xatt kollu fil-perjodu tal-Milied.

Il-qofol ta' l-impenn infrastrutturali ntlaħaq bil-proġett ta' Tisbieħ ta' l-Entraturi tal-*Housing Estate*, li bla dubju tagħat id-dehra li jixraqilu dan l-*estate*. Apparti li ġie tranġat il-pavimentar ta' l-entraturi, ġew installati lanterni ġodda li jikkumplimentaw dawn id-daħliet kif ukoll, ġew installati bankijiet u pjanti sabiex dawn iservu ukoll bħal żoni ta' mistrieħ għall-istess residenti. Intant, il-Kunsill Lokali għaddej b'diskussjonijiet sabiex tiġi *resurfaced* l-area ta' ġewwa ta' l-istess *housing estate*.

Il-Kunsill fassal programm ta' *major patching* f'diversi toroq fosthom fi Triq Ugo Mifsud, Triq Imsida, Triq Reid il-parti ta' fuq, Triq Sliema, Triq Edgar Bernard, Triq Nazju Ellul, Triq San Albert il-parti t'isfel u Triq Bouverie.

Minħabba l-ammont ta' traffiku li jgħaddi minn din il-lokalita', ġew installati numru ta' *traffic speed moderators* f'diversi toroq, fosthom Triq il-Madonna tal-Gebla, Triq Ponsonby, Triq San Albert, Triq Carlo Manche, Triq Luqa Briffa l-parti ta' fuq u t'isfel,Triq il-Flotta u Triq Reggie Miller. L-għan tagħhom hu, sabiex it-traffiku fil-lokalita' ikun immaniġjat u jitnaqqas sewqan b'veloċita' qawwija, li bla dubju hu ta' periklu għall-pubbliku in ġenerali.

In vista tar-rata qawwija ta' żvilupp f'din il-lokalita', l-Kunsill Lokali fassal u addotta proċedura li tiġi analizzata kull applikazzjoni li nirċievu mill-M.E.P.A. u jingħataw reġolamenti lill-iżvilluppaturi, bl-għan li filwaqt l-iżvilupp ikun regolat, jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti.

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali ma kinitx relatata biss ma' żvilupp infrastrutturali, iżda nkludiet żvilupp ambjentali fuq is-*Soft Areas*, partikularment il-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, t-*traffic island* u l-partijiet li jagħtu man-naħa tal-Baħar li hemm fi Triq ix-Xatt.

It-tlett impjegati ħaddiema ta' l-I.P.S.L. assenjati mal-Kunsill u ħaddiem assenjat mill-Gvern Ċentrali huma mpenjati fuq xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' partikularment xogħol ta' ħadid, żebgħa ta' bankijiet, installazzjoni ta' riċipjenti għall-iskart partikularment f'postijiet rekreattivi, *patching* temporanju, tiswijiet żgħar ta' bankini u tranġar ta' tabelli tat-traffiku.

Minn April 2007 sa Marzu 2008, il-Kunsill iffinalizza diskussjonijiet dwar għoti ta' kuntratti mibdija fis-sena amministrattiva preċedenti. Fil-fatt, il-kuntratt għall-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste & Hiring of Skips* u *Insurance Policy* ġew estiżi għall-sena oħra lill-kuntrattur Emanuel Mifsud u *AON Insurance Brokers* rispettivament.

Intant, ġew ppubblikati s-Sejħiet għall-Offerti

i. *Embellishment of Gżira Housing Estate*
ii. *Cleaning and Upkeep Services*
iii. *Patching and Kerb Re-Instatement Works*
iv. *Lease with option to purchase property to be used as an activities centre in Gżira*

Fir-rispett ta' dawn is-sejħiet għall-Offerti, ġew aġġudikati u mogħtija lil dawn il-kuntratturi *Road Manitenance Ltd, Stephen Rene Farrugia, Asfaltar Construction Ltd and D'Aniens Development Ltd, rispettivament.*

Il-Kunsill attenda laqgħat ta'

(i) l-Infurzar Lokali li ġew msejħa mill-Kumitat Konġunt *Group* H.

(ii) mal-Pulizija tad-Distrett Sliema

(iii) *Vice Squad*

(iv) *Criminal Investigation Department*

(v) Rappreżentanti tal-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura

(vi) Ministeru tal-Kommunikazzjoni u Kompetitivita'

(vii) Ministeru għat-Toroq u l-Iżvilupp Urban

(viii) Ministeru għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni

(ix) Rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Rurali

(x) Prim Ministru u rappreżentanti tiegħu

(xi) Direttorati fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta

(xii) Diversi kumpaniji kummerċjali privati.

## c. Rapport ta' Nfieq Finanzjarju.

Il-Kunsill żamm l-'i*standard*' tas-servizzi u anke f'ċertu każijiet tejjibhom. Il-koperazzjoni tal-Gvern Ċentrali għenet fin-nefqa kapitali tal-proġetti nfrastrutturali.

In-nefqa mill-Kunsill Lokali kienet tinkludi fost l-oħrajn

(i) Tindif – circa €144,814.91
(ii) Sinjali w Marki tat-toroq inkluż *parking bays* circa €6,224.45
(iii) Manutenzjoni ta' toroq, bankini u *rubber speed moderators* circa €24,007.84
(iv) Proġetti Infrastrutturali circa €8000.00
(v) Servizzi Professjonali circa €26,767.02
(vi) Ġonna circa €26,555.16
(vii) Dawl circa €8,470.82

## d. Amministrazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill iħares lejn il-ħidma tiegħu għas-sena 2007/2008 bħala waħda sodisfaċenti.

Attendenza għall-laqgħat bejn l-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008.

| | Laqgħat | Preżenti | Skuzati | Percentaġġ |
|---|---|---|---|---|
| Chris Bonett | 16 | 16 | NIL | 100% |
| Dunstan Attard | 16 | 16 | NIL | 100% |
| Anthony Abela | 16 | 16 | NIL | 100% |
| Joseph Camilleri | 16 | 15 | 1 | 94% |
| Malcolm Camilleri | 16 | 13 | 3 | 81% |
| Ian Micallef | 16 | 8 | 8 | 50% |
| Albert Rizzo | 16 | 8 | 7 | 44% |

In-nuqqas tal-percentaġġ huwa dovut għaliex il-Kunsillieri kienu assenti jew skużati minħabba mpenn ta' xogħol. Intant matul din is-sena finanazjarja, l-Kunsill Lokali sofra t-telfa tal-Kunsillier Albert Rizzo. Fil-fatt, l-aħħar darba li s-Sur Rizzo attenda għall-laqgħa kienet dik li saret matul ix-xahar ta' Diċembru 2007 filwaqt, li kien skużat għall-laqgħat ta' Jannar u Frar 2008, minħabba li sfortunatament fid-29 ta' Frar 2008, s-Sur Rizzo ħalla din id-dinja. Dan ifisser li għas-sittax

–il laqgħa, l-Kunsill kien kompost minn sitt membri u sussegwentament saru l-elezzjonijiet każwali.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kumitat ta' l-Anzjani organizza ħarġa kull xahar għall-Anzjani.

Matul l-2007/2008, is-servizzi tal-*Contract Managers* komplew jissaħħu f'kull livell biex jassiguraw li l-flus jintefqu bl-aħjar mod għax barra li x-xogħlijiet kollha saru taħt id-direzzjoni ta' nies speċjalizzati, sar anke l-*cost analysis* meħtieġ u ġew ukoll iċ-ċertifikati minnhom dwar il-kwalita' u *value for money*.

## e. Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2010

Kif wieħed setgħa jinnota matul l-ewwel sena ħidma ta' din il-leġislatura l-Kunsill kompla għaddej b'ħidma kemm fuq dik li kienet mibdija jew ippjanata mill-Kunsill preċedenti kif ukoll, f'ċertu oqsma kabbar il-proġetti u kompla b'ħidmiet oħra ta' manutenzjoni fil-lokalita'.

Bla dubju, din is-sena serviet biex il-Kunsill setgħa jidħol fid-dettal tas-setturi kollha li minnhom hu responsabbli u jippjana mpenn aktar intensiv għas-sentejn li ġejjin tant, li hu f'pożizzjoni li jħejji pjan ta' ħidma konkret sa tmiem il-leġislatura. Dan juri, li r-ritmu ta' ħidma baqa' għaddej u apparti x-xogħlijiet relatati ma' l-infrastruttura, l-Kunsill kompla bil-programm t'attivitajiet li jorganizza ta' kull sena kif ukoll, qed jippjana li jintroduċi attivitajiet ġodda sabiex ikompli jżewwaq l-kalendarju soċjali u kulturali tiegħu.

## f. Għeluq

Il-Kunsill huwa sodisfatt bil-ħidma li għamel matul is-sena finanzjarja 2007/2008 li għalqet bi bilanċ favorevoli.

Kemm fit-titjib li hemm propost fil-politika ġenerali dwar il-Kunsill kif ukoll, fit-tħejjija tad-devoluzzjoni ta' aktar poteri mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsill, għandhom iqawwuh biex jaħdem b'aktar impenn.

Fl-aħħarnett, nawguraw li bil-ħidma flimkien mar-residenti, Għaqdiet u l-Komunita' Kummerċjali, l-lokalita' tal-Gżira jkollha Kunsill li jkun laħaq is-suċċess mistenni minnhom.

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv